# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 69/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**DV**

**vs**

**LA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DV , datat 7 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Illi l-partijiet izzewgu gl-erba (4) ta' Gunju ta-sena elf disa mija u disa u disghin (1999) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat 'Dok.A', liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta ;*

*Illi minn dan iz-zwieg tal-kopja ma tweldux ulied ;*

*Illi l-partijiet isseparaq b'kuntratt datat hmistax (15) t'April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) redatt minn Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi, hawn anness u mmarkat 'Dok B'.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u dan tenut l-fatt li ilhom aktar minn tmien (8) snin legalment separati minn xulxin u ma hemmx lok li l-partijiet jirrikonciljaw bejniethom ;*

*Illi l-ligi taghha, senjatament Artikolu 66B sub-artikolu (a), jispecifikat li d-*

*divorzju jista jinghata kemm-il darba il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufieh precedenti ;*

*Illi l-partijiet qedghin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma hemmx lok li jkun hemm rikonciljazzjoni bejniethom ;*

*Illi kif jistipula Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt jew pretensjoni ghall-manteniment minghand xulxin ;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita u gew spjegati lilha d-drittijiet legali taghha u rrispondiet illi ma tehtiegx assistenza legali u li ma kienitx qed topponi ghad-divorzju (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DV** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1999 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-15 t'April 2010 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**LA** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

*kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Gunju 1999 (vide Dok A fol 13) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi, datat 15 ta' April 2010 (vide Dok.B 3et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tiqs inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent fil-verbal tat-8 t'April 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**